Qorti ta' l-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imħallef Anthony Ellul

Appell Ċivili numru:- 482/2013

**Vella Group Limited**
**(C-22149)**
**(appellata)**

**Vs**

**George (ID 436555M) u Doris (169556) konjuġi Grech**
**(appellanti)**

30 ta' Mejju, 2017.

**Il-Qorti,**

**Rat illi:**

1. Permezz ta' Avviż ta' Talba ppreżentat fl-20 t'Awissu 2013[1] l-appellata talbet lit-Tribunal għal Talbiet Żgħar jikkundanna lill-konvenuti jħallsu s-somma ta' elf tmin mija u ħames ewro u erba' ewro ċenteżmi (€1,805.04), bilanċ fuq prezz akbar ta' €4,923.14, flimkien mal-imgħaxijiet legali għal xogħol ta' tqattiegħ u taħmil ġewwa l-fond numru 44, Triq in-Nebbieta, Attard, liema bilanċ ma tħallasx minkejja li li l-konvenuti appellati ġew interpellati għall-ħlas permezz ta' telefonati u ittra uffiċjali datata 22 ta' Ġunju 2011.[2]

2. Il-konvenuti wieġbu[3] illi huma ħallsu lis-soċjetà attriċi a saldu ta' kull ma kien dovut lilha in konnessjoni max-xogħol in kwistjoni li kien jammonta għal €3,118.10 u dan hekk kif ġie aċċettat mill-istess soċjetà attriċi, b' dan illi m'għandhom jagħtuha xejn aktar.

3. Fl-udjenza tas-27 ta' Marzu 2014 it-Tribunal laqa' t-talba tal-konvenuti sabiex, bla ħsara għall-eċċezzjonijiet l-oħra diġa mogħtija, titressaq l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni tal-pretensjonijiet tas-soċjetà rikorrenti a bażi tal-Artikolu 2148(a) u/jew 2149(a) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Il-partijiet qablu li tingħata sentenza waħda fuq l-aspetti kollha imqajjma f'din il-kawża.

---

[1] Fol. 1.
[2] Dok GG6 a fol. 22.
[3] Fol. 4.

4. Permezz ta' sentenza mogħtija fis-17 ta' Settembru 2014 iddeċieda billi filwaqt li ċaħad l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni mqanqla mill-intimati a tenur tal-artikoli 2148(a) u 2149(a) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, ċaħad il-kumplament tal-eċċezzjonijiet mqanqla mill-intimati fir-risposta tagħhom u laqa' t-talba tas-soċjetà attriċi fl-ammont ta' €1,805.04c u konsegwentement ikkundanna lill-intimati jħallsu lis-soċjetà rikorrenti s-somma ta' €1,805.04c bl-imgħaxijiet legali fuq dan l-ammont jibdew jiddekorru mis-26 ta' Marzu 2010, data tal-fattura esebita a. Fol. 12 tal-proċess bħala '**Dok VGL4**', l-ispejjeż a karigu tal-intimati.

5. Illi minn din is-sentenza appellaw il-konvenuti Geroge u Doris konjuġi Grech. L-aggravju tagħhom hu li:

    a. Huma ma rrinunzjawx għall-preskrizzjoni minnhom eċċepita kif żbaljatament deċiż mit-Tribunal u jtennu li bl-applikazzjoni tal-preskrizzjoni biennali a tenur tal-Artikolu 2149(a) din il-kawża kellha tiġi dikjarata preskritta fi żmien sentejn mill-ittra uffiċjali tat-22 ta' Ġunju 2011;
    b. Dwar it-tieni eċċezzjoni, it-Tribunal ma kellux jasal għall-konklużjoni li ma jistax joqgħod fuq id-dokumenti tal-konvenuti u jibbaża d-deċiżjoni tiegħu fuq il-kejl magħmul mis-soċjeta attriċi;
    c. Il-fatt li c-*cheque* issarraf u ma kienx hemm kontestazzjoni juri aċċettazzjoni tas-somma imħallsa fl-ammont ta' €3,118.10c
    d. Semmai l-imgħaxijiet legali fuq bil-bilanċ mitlub għandhom jiddekorru mid-data tas-sentenza ta' din il-Qorti.

6. Illi permezz ta' risposta datata 27 t' Ottubru 2014 is-soċjetà appellata wieġbet illi s-sentenza appellata hija ġusta u timmerita konferma b'dan illi l-appell tal-konvenuti għandu jiġi miċħud u s-sentenza appellata għandha tiġi kkonfermata, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenuti appellanti.

**<u>Ikkunsidrat</u>:**

7. Illi l-<u>fatti</u> kif jirriżultaw mill-inkartament huma s-segwenti:
    - L-appellanti ingaġġaw lis-soċjetà appellata sabiex tagħmel ix-xogħol ta' tqattieħ u taħmil neċessarju sabiex tinbena *pool* fil-fond 44, Triq in-Nebbieta, Attard f' Marzu 2010,[4] proprjeta tal-konvenuti.

    - Fis-17 ta' Marzu 2010 l-attriċi ħarġet stima **Dok VGL1**[5] lill-konvenuti kif ġej:

        - Tqattieh ta' blat @ Lm11 / €25.62 + VAT kull jarda

[4] Fol. 24.
[5] Fol. 9.

- Taħmil @ Lm4.25 / €9.90 + VAT kull jarda
- Tirmiġ @ Lm8 / €18.63 + VAT kull metru kwadru

- Bejn il-partijiet kien hemm qbil dwar dawn ir-rati.

- Qabel ma beda x-xogħol Jonathan Vella, is-*surveyor* tas-soċjetà attriċi mar fuq il-post biex jimmarka. Kienu preżenti id-direttur Jimmy Vella u l-konvenut Geroge Grech.[6]

- Kif tlesta x-xogħol l-attriċi reġgħet bagħtet is-*surveyor* tagħha biex ikejjel. Skont Jimmy Vella[7] sar ix-xogħol segwenti:-

    - *Excavation in loose material, total* = 101.49 cub. Yrd
    - *Excavation in solid rock*, total = 123.63 cub. Yrd

- **Jimmy Vella** xehed li s-*surveyor* Jonathan Vella ħa l-kejl fil-preżenza tiegħu u l-konvenuti ma kinux preżenti dakinhar u għalhekk is-*surveyor* bagħat jinforma lill-konvenuti bil-kejl wara. Sussegwentement Jonathan Vella kien reġa' mar *on site* biex jerġa' jkejjel ix-xogħol biċċa biċċa fil-preżenza tal-konvenut George Grech. Sadanittant kien beda jinbena l-ħajt tal-*pool*. Skont Jimmy Vella, il-konvenut u s-*surveyor* Jonathan Vella kienu qablu fuq il-kejl f'din l-okkażjoni.[8] George Grech iżda xehed illi meta beda jippuntwalizza xi affarijiet lil Jonathan Vella, ma kienx merieh. **Jonathan Vella** min-naħa l-oħra xehed li '*is-sur Grech kien preżenti l-ħin kollu u huwa ma sab l-ebda oġġezzjoni għal mod kif kien qed isir il-kejl'.*[9] In kontro-eżami,[10] muri **Dok GGH1**[11] u **Dok GGH2**[12] u mistoqsi jekk jiftakarx li kien hemm parti mis-*site* tal-konvenut li kienet mqatta' diġa qabel ma nbeda x-xogħol mill-attriċi qal li ma kienx hemm tqattieh u l-*excavation* saret mis-soċjetà appellata u li meta mar hu kien hemm il-pedamenti u l-membrane mal-ħajt. '*Fejn kien hemm terrapien kien mmarkat bħala terrapien u fejn kien hemm blat kien hemm immarkat bħala blat.'*

- L-appellanti ħallsu €3,000 *on account* wara li sar ix-xogħol iżda qabel ma rċevew ebda kont mis-soċjetà appellata. Fix-xhieda tagħhom[13] **George u ibnu Christopher Grech** ikkonfermaw li għal dan il-ħlas Jimmy Vella iffirma l-irċevuta ippreparata minn ibnu Christopher Grech a fol. 18 tal-proċess u li taqra:

---

[6] Fol. 51.
[7] **Dok VGL2** a fol. 10 u **Dok VGL3** a fol. 11.
[8] Fol. 36.
[9] Fol. 42.
[10] Fol. 51.
[11] Fol. 53.
[12] Fol. 54.
[13] Fol. 24 et. seq., u fol. 28 et. seq.

*"Recevied from George Grech, on account, the sum of €3,000 (three thousand Euro) in respect of excavation works at 44, Nebbieta Street, Attard".*

- Fis-26 ta' Marzu 2010 is-soċjetà appellata bagħtet lill-appellanti kont fl-ammont ta' €4,923.14[14] rappreżentanti:

  - €1004.75 *excavation in loose materia and carting away from site;*
  - €3,167.40 *excavation in solid rock using drumcutter and carting away of material from site*
  - €750.00 VAT

- L-appellant oġġezzjona għaliex ma qabilx ma dan il-kont peress li l-*workings* tiegħu kienu qed juru diskrepanza. Skont **George Grech** kien hemm blat fejn ma kienx hemm bżonn isir tqattigħ madanakollu s-*surveyor* żiedu fil-kalkoli tiegħu.

- **Francis Zammit Haber**, ġar tal-konvenuti, xehed li[15] fl-2001 kien bena *swimming pool* fil-proprjetà tiegħu li tiġi dahar ma' dahar tal-proprjetà tal-konvenuti, li dak iż-żmien kienet għadha plot u kien hemm biss bidu ta' bini. Bl-awtorizzazzjoni tal-konvenuti kien għadda bl-inġenji peress li kellu jqatta' l-blat. Billi l-proprjetà tal-konvenuti tinsab madwar għaxar filati għola minn tiegħu biex jgħaddu l-inġenji kellu jqatta xi blat *at a gradiant* bejn il-ħitan diviżorji li kien jinsab fil-proprjetà tal-intimat sabiex ikun jista' jinżel l-excavator. Wara li tlesta x-xogħol ma reġax radam l-post fejn kien tqatta' l-blat. Jaf li l-*pool* tal-intimat inbena aktar 'l fuq minn fejn sar it-tqattieh, liema *area* llum il-ġurnata hemm it-terazzin tal-*pool area* tal-intimat u taħtu hemm *basement*. *'Il-pool tal-intimat inbena banda oħra u ċioé iżjed 'l fuq. It-tqattih li kien sar minni fit-two thousand and one (2001) ma ntużax biex inbena l-pool tal-intimat, definitely not'.* Skont Francis Zammit Haber, ir-ritratti a fol. 53 u 54 tal-proċess, fejn tidher il-*pool* tiegħu qed tinbena u l-bir tal-konvenuti, jirrisalu għall-2001.

- L-appellanti pproponew li din is-sitwazzjoni tiġi riżolta billi jerġa' jittieħed il-kejl minn *surveyor* indipendenti u skont **Geroge Grech u ibnu Christopher**, id-direttur tas-soċjetà appellata kien qabel. Madandakollu **Jimmy Vella** xehed[16] li kien qallu, *'is-surveyor tiegħek imissek qabbadtu mal-ewwel meta inti dort il-post mal-Quantity Surveyor tiegħi u mhux issa'* u ċaħad kategorikament li ftiehem mal-

---

[14] **Dok VGL4** a fol. 12 .
[15] Fol. 57 et. seq.
[16] Fol. 36.

konvenuti biex imur fuq il-post meta kien se jmur il-*quantity surveryor* tal-għażla tagħhom. '*Jiena għedtlu li ma kontx sejjer għaliex kelli l-kejl tal-Quantity Surveyor tiegħi liema kejl sar fil-preżenza tal-intimat'*. Jimmy Vella spjega li meta l-konvenuti riedu jkejjlu bis-*surveyor* tagħhom x-xogħol kien beda tiela' b'dan illi kien diffiċli biex il-kejl ikun preċiż. **Geroge Grech** iżda qal li kull ma kien laħaq għamel kienet kisja konkos u x-xogħol xorta kien jurik.[17]

- Effettivament **Anthony Baldacchino** imqabbad mill-konvenut appellant xehed illi kejjel ix-xogħol għall-ħabta ta' Mejju:

> '*sibt ħofra li fiha diġa kien hemm parti mill-bini tal-pool. Jiena qadt fuq dak li qalli l-intimat peró meta kont qiegħed hemmhekk jiena stajt nara l-intersecting lines bejn il-ħamrija u l-blat peró ma nafx kif kien il-borg tal-ħamrija, jekk kienx kbir jew ma kien hemm xejn. Ix-xogħol kien lest meta mort inkejlu. Kien hemm parti oħra wkoll illi l-intimat qalli illi ma kienx għamilha r-rikorrenti iżda li kienet saret mill-ġirien u allura jiena ma ħadtx in consideration dan ... it-taħmil kien kollu lest kif diga għedt u kien hemm parti mill-ħofra diġa mimlija bil-bricks tal-pool. Jista' jkun li jkun hemm differenza jew tagħmel differenza il-fatt illi kien mibni l-pool, parti minnu, u dan minħabba l-ħxuna tal-art l-għaliex minn hemmhekk ma jidhrix kemm kien oriġinarjament l-art. Jien qadt fuq dak li qalli u ma nistax inkun naf kemm kienet wiesgħa jew għolja l-art tal-pool allura noqgħod fuq dak li qalli. L-perimeter tidher u d-depth jista' jiġi kkalkulat tneħħli l-ħxuna tal-concrete li jiena ma nistax nara ... kemm kien hemm ħamrija qabel u kiem kien hemm diġa mħaffer mill-ġirien jiena qadt fuq dak li qalli l-intimat u dan peress li ma stajtx narahom jien.'*[18]

- L-ebda rappreżentant tas-soċjetà appellata m'attenda meta ttieħed il-kejl minn Anthony Baldacchino, li rriżulta li huwa ħabib tal-konvenuti appellanti. **Anthony Baldacchino** xehed li jaf li l-konvenut kien ċempel lill-kuntrattur għal darba darbtejn u l-kuntrattur jgħid li ġej u ma jiġix. Mat-tieni[19]/tielet[20] tentattiv il-kejl ittieħed fin-nuqqas ta' rappreżentant da parti tas-soċjeta appellata. Applikati r-rati maqbula, l-ammont dovut lill-appellanta huwa ta' €3,118.10 kif jirriżulta minn **Dok GG2** a fol. 16 tal-proċess.

- Permezz ta' ittra datata 21 t'Ottubru 2010[21] l-appellanti infurmaw lill-Jimmy Vella, direttur tal-kumpannija appellanta li peress li kienu diġa' ħallsu s-somma ta' €3,000 akkont tal-prezz,[22] kienu qegħdin iħallsu l-

---

[17] Fol. 39.
[18] Fol. 48.
[19] Fol.47.
[20] Fol. 25.
[21] **Dok. GG1** a fol. 14.
[22] **Dok. GG4** a fol. 18.

bilanċ rimanenti fl-ammont ta' 118.10c abbażi tal-kalkolu li għamel is-surveyor imqabbad minnhom.[23]

- Dawn l-ammonti ma kinnux jinkludu l-VAT. Skont **Christopher Grech**, peress li ma rċevew l-ebda irċevuta fiskali għat-€3,000 diġa mħallsa, huma fehmu li t-transazzjoni ma kinitx soġġetta għall-VAT.[24] **Jimmy Vella** in kontro-eżami xehed li ma riedx idaħħal il-VAT u hu kien infurmah li ma setax jaħdem b'dak il-mod. Qal li l-irċevuta tinsab l-uffiċċju u mhux se jgħaddiha lill-konvenuti qabel ma jirċievi l-ħlas. Effettivament, vera kopja ta' din l-irċevuta datata 3 ta' Ottubru 2010 tinsab eżebita a fol. 46 tal-proċess.

- Iċ-*cheque* fl-ammont ta' €118.10 effettivament issarraf fis-26 ta' Novembru 2010.[25] **Jimmy Vella** xehed li l-fatt li c-*cheque* issarraf *'bl-ebda mod ma qiegħed nirrikonoxxi li dak il-ħlas kien għas-saldu tal-pretensjonijiet tal-kumpannija.'*[26]

- Fit-22 ta' Ġunju 2011 is-soċjetà appellata bagħtet ittra uffiċjali lill-konvenuti appellanti a tenur tal-Artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.[27] **Geroge Grech** xehed li din l-ittra ġiet ikkontestata.[28]

**<u>L-Ewwel Aggravju.</u>**

8. Illi permezz tal-ewwel aggravju l-appellanti jilmentaw illi huma ma rrinunzjawx għall-preskrizzjoni kif żbaljatament deċiż mit-Tribunal, u jtennu li bl-applikazzjoni tal-preskrizzjoni ta' sentejn a tenur tal-Artikolu 2149(a) l-azzjoni hi preskritta bit-trapass ta' sentejn mill-ittra uffiċjali tat-22 ta' Ġunju 2011.

9. Illi dwar l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni l-Bord wasal għall-konklużjoni illi:

> *'Fil-każ odjern, la l-artikolu 2148(a) u lanqas l-artikolu 2149(a) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta ma għandhom japplikaw u dan għas-sempliċi fatt li l-intimat George Grech waqt id-deposizzjoni minnu mogħtija fis-17 ta' Ottubru, 2013 stqarr hekk, fuq mistoqsija tat-Tribunal: "Mistoqsi mit-Tribunal jekk fl-ammont ... korrezzjoni ... jekk fil-measurement u l-kont li hemm a fol. 16 tal-proċess hemmx indikat ukoll il-VAT* ***<u>ngħid illi le għalhekk fuq dan l-ammont ta' tlett elef mija u tmintax-il ewro (€3118) hemm il-VAT ta' tmintax fil-mija (18%) li jrid jiġi mgħoddi lis-soċjetà rikorrenti. Jekk itini l-irċevuta s-soċjeta rikorrenti jiena ntih il-VAT"</u>*** *(fol. 25) (sottolinejar u enfażi tat-Tribunal). Hija l-fehma tat-Tribunal li l-intimat, b'dan*

[23] **Dok. GG2** a fol. 16.
[24] Fol. 30.
[25] **Dok. GG3** a fol. 17 tal-proċess
[26] Fol. 38.
[27] Dok. GG6 a fol. 22 tal-proċess.
[28] Fol. 26.

*id-diskors tiegħu, qiegħed effettivament jirrinunzja għal preskrizzjoni minnu eċċepita. Ghalhekk din l-eċċezzjoni tiegħu qegħda tiġi miċħuda.'*

10. Illi l-appellanti jibbażaw l-aggravju tagħhom fuq il-fatt illi qatt ma ħarġet irċevuta fiskali għas-somma ta' €3,000 li kienet tħallset ftit jiem wara li tlesta x-xogħol b'dan illi, skonthom l-appellant Geroge Grech ma kellux iħallas aktar mill-ammont ta' €118.10 sabiex jagħmel saldu tal-pendenzi bejnu u s-soċjetà appellata. Jargumentaw ukoll li f' kull każ il-VAT hija dovuta *ex lege* u l-fatt illi George Grech huwa dispost iħallas it-taxxa fuq il-valur miżjud ma jammonta għall-ebda rinunzja tal-preskrizzjoni eċċepita. L-appellanti jinsistu għalhekk li kellha tapplika l-preskrizzjoni biennali kontemplata fl-Artikolu 2149(a).

11. Bir-rikonoxximent tad-debitu hemm rinunzja għall-preskrizzjoni:

- *'id-debitur li jammetti li għandu jagħti lill-attur, imma biss ma jirrikonoxxix bħala eżatta s-somma pretiża jiġi li rrinunzja għall-preskrizzjoni kompita (Ara Sammut vs. Grima Vol XXXVIII P. III paġ 688 u sentenzi hemm ċitati)'*[29]

- *'debitur li jammetti li għandu jagħti lill-attur, imma ma jirrikonoxxix bħala eżatta s-somma pretiza, jiġi li jirrinunzja għall-preskrizzjoni" – "Gialanze vs Rizzo" deċiża mill-Onorabbli Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fid-29 ta' Jannar, 1998, (ara ukoll "Giullaumier vs Aveta", deċiża mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fid-9 ta' Diċembru, 1998, u "Azzopardi vs Cassar" deċiża ukoll mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-5 ta' Ottubru, 1998.)'*[30]

12. Din il-Qorti, filwaqt li tirreferri għall-istima tas-soċjetà appellata fis-17 ta' Marzu 2010 (**Dok VGL1**)[31] minn fejn jirriżulta bl-aktar mod ċar li kellu jiżdied il-VAT fuq ir-rati kkwotati hekk kif rifless fil-kont **Dok VGL4**[32] u l-irċevuta fiskali eżebita bħala **Dok VGL5**,[33] tisħaq li l-ħlas tat-taxxa fuq il-valur miżjud hija dovuta bil-liġi bħala parti sħiħa mill-pagament lil min ikun qiegħed jipprovdi s-servizz in kwantu dan tal-aħħar ikun qiegħed jiġborha f' isem l-erarju. Isegwi għalhekk li d-distinzjoni li qegħdin jippruvaw jagħmlu l-appellanti bejn l-ammont dovut lis-soċjetà appellata u l-VAT fuqu hi bla bażi. Il-ħlas li l-attriċi qegħda titlob permezz ta' din il-kawża jinkludi s-somma ta' €750.99 VAT. Il-pagament ta' 3,000 li l-konvenuti kienu ghamlu kien akkont, *'in respect of excavation works'.*

13. Isegwi għalhekk li t-Tribunal kellu raġun jasal għal konklużjoni li meta George Grech xehed illi għad jonqsu jħallas 18% VAT lis-soċjetà appellanta huwa rrinunżja għall-preskrizzjoni eċċepita.

---

[29] ***Joseph Bugeja noe vs Paul Mario Laferla pro. et. noe.***, Commercial Court, 2 ta' Ottubru 1964 (Vol XLVIII-III1440).
[30] ***Patrcik Staines pro et noe vs Charles u Emmanuel Falzon noe,*** Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, 3 t' Ottubru 2002.
[31] Fol. 9.
[32] Fol. 12.
[33] Fol. 46.

14. Għaldaqstant l-ewwel aggravju hu miċħud.

**<u>It-Tieni Aggravju.</u>**

15. Illi permezz tat-tieni aggravju l-appellanti qegħdin jilmentaw li t-Tribunal ma kellux jasal għall-konklużjoni li ma jistax joqghod fuq id-dokumenti li ppreżentaw il-konvenuti u jibbaża d-deċiżjoni tiegħu fuq il-kejl magħmul mis-soċjeta attriċi.

16. It-Tribunal wasal għal din il-konklużjoni abbażi tal-fatti illi: Jonathan Vella, is-*surveyor* tas-soċjetà appellanta qal illi meta huwa kejjel kien hemm preżenti l-konvenut u rappreżentant tas-soċjetà rikorrenti u li l-intimat ma kienx oġġezzjona għal mod kif kien qiegħed isir il-kejl iżda l-konvenut ma qabilx ma dan il-fatt; u meta Anthony Baldacchino, is-*surveyor* nominat mill-konvenuti mar ikejjel, huwa kejjel u qagħad fuq dak li qallu l-intimat u żied li ma setax ikun jaf kemm kienet wiesgħa jew għolja l-art tal-pool.

17. Illi din il-Qorti tislet is-segwenti mill-fatti 'l fuq ċitati:

- Qabel ma beda x-xogħol Jonathan Vella, is-*surveyor* tas-soċjetà attriċi appellata, mar fuq il-post biex jimmarka. Kienu preżenti id-direttur tal-appellanta Jimmy Vella u l-konvenut Geroge Grech.[34] Kif tlesta x-xogħol l-appellata reġgħat bagħtet is-*surveyor* tagħha biex ikejjel.

- Geroge Grech xehed illi waqt li Jonathan Vella beda jieħu l-qisien beda jippuntwalizza li kien hemm bnadi fejn ma kienx hemm bżonn isir tqattieħ u li ried ikejlu bħala tħammil u Jonathan Vella ma kienx merieh. Jonathan Vella min-naħa l-oħra xehed li '*is-sur Grech kien preżenti l-ħin kollu u huwa ma sab l-ebda oġġezzjoni għal mod kif kien qed isir il-kejl*'.[35]

- **Francis Zammit Haber**, ġar tal-konvenuti, xehed li[36] fl-2001 kien bena *swimmingpool* fil-proprjetà tiegħu li tiġi dar ma dar tal-proprjetà tal-konvenuti li dak iż-żmien kienet għadha plot u kien hemm biss bidu ta' bini. Bl-awtorizzazzjoni tal-konvenuti, biex jgħaddi bl-inġenji għal ġol-proprjetà tiegħu, kellu jqatta' l-blat f' parti mill-proprjetà tal-konvenuti li tinsab madwar għaxar filati għola minn tiegħu. Wara li tlesta x-xogħol ma reġax radam l-post fejn kien tqatta' l-blat. Jaf li l-*pool* tal-intimat

[34] Fol. 51.
[35] Fol. 42.
[36] Fol. 57 et. seq.

inbena aktar 'l fuq minn fejn sar it-tqattieħ, liema *area* llum il-ġurnata hemm it-terazzin tal-*pool area* tal-intimat u taħtu hemm *basement*; ***'Il-pool tal-intimat inbena band'oħra u ċioé iżjed 'l fuq. It-tqattieh li kien sar minni fit-two thousand and one (2001) ma ntużax biex inbena l-pool tal-intimat, definitely not'*.** (enfażi ta-Qorti)

- **Anthony Baldacchino** imqabbad mill-konvenut appellant xehed illi kejjel ix-xogħol għall-ħabta ta' Mejju: '*sibt ħofra li fiha* ***diġa kien hemm parti mill-bini tal-pool. Jiena qagħadt fuq dak li qalli l-intimat*** *peró meta kont qiegħed hemmhekk jiena stajt nara l-intersecting lines bejn il-ħamrija u l-blat peró* ***ma nafx kif kien il-borg tal-ħamrija****, jekk kienx kbir jew ma kien hemm xejn.* ***Ix-xogħol kien lest meta mort inkejlu. Kien hemm parti oħra wkoll illi l-intimat qalli illi ma kienx għamilha r-rikorrenti iżda li kienet saret mill-ġirien u allura jiena ma ħadtx in consideration dan ...*** *it-taħmil kien kollu lest kif diga għedt u kien hemm parti mill-ħofra diġa mimlija bil-bricks tal-pool. Jista' jkun li jkun hemm differenza jew tagħmel differenza il-fatt illi kien mibni l-pool, parti minnu, u dan minħabba l-ħxuna tal-art l-għaliex minn hemmhekk ma jidhrix kemm kien oriġinarjament l-art.* ***Jien qadt fuq dak li qalli u ma nistax inkun naf kemm kienet wiesgħa jew għolja l-art tal-pool*** *allura noqgħod fuq dak li qalli. L-perimeter tidher u d-depth jista' jiġi kkalkulat tneħħli l-ħxuna tal-concrete li jiena ma nistax nara ...* ***kemm kien hemm ħamrija qabel u kiem kien hemm diġa mħaffer mill-ġirien jiena qadt fuq dak li qalli l-intimat u dan peress li ma stajtx narahom jien.*** [37] (enfasi tal-Qorti)

18. Illi mill-assjem ta' dawn il-provi jsegwi mhux biss illi Anthony Baldacchino mar fuq il-post wara li l-pool bdiet tinbena b'dan illi ma setgħax ikun jaf eżattament kemm ġie imħaffer, iżda talli Francis Zammit Haber xehed li l-parti fejn huwa kien ħaffer fl-2001, liema parti ġiet imħollija barra fil-kalkoli ta' Anthony Baldaccinho għaliex il-konvenut Grech kien qallu li kienet saret preċedentement mill-ġirien, kienet effettivament l-*area* fejn illum hemm it-tarazzin tal-*pool area* u li l-*pool* (li sabiex tinbena saru x-xogħolijiet mertu tal-vertenza odjerna) tinsab iżjed 'l fuq minn dik l-*area.*

19. Fiċ-ċirkostanza it-Tribunal ma setax joqgħod fuq il-kejl pprovdut mill-konvenut u kellu raġun jibbaża d-deċiżjoni tiegħu fuq il-kejl magħmul mis-soċjetà attriċi li ttieħed a bażi ta' *markings* li saru qabel ma beda x-xogħol minn persuna kkwalifikata u fil-preżenza tal-appellant Grech stess.

[37] Fol. 48.

20. Din il-Qorti taqbel għalhekk mal-konklużjoni raġġunta mit-Tribunal fil-paragrafu 15 tad-deċiżjoni appellata u konsegwentement tiċħad dan l-aggravju.

**It-Tielet Aggravju.**

21. Illi permezz tat-tielet aggravju l-appellanti jilmentaw illi l-fatt li c-*cheque* issarraf u ma kienx hemm kontestazzjoni instantanja juri aċċettazzjoni tas-somma imħallsa fl-ammont ta' €3,118.10c.

22. Illi fuq dan il-punt it-Tribunal iddeċieda kif ġej:

> *'... fl-ewwel lok, kif diġà ingħad hawn fuq, l-istess intimat George Grech ammetta li huwa kien għad fadallu jħallas il-VAT lis-soċjetà rikorrenti u oltré dan, l-istess rappreżentant tas-soċjeta ma aċċettax il-ħlas magħmul bl-ittra datata 21 ta' Ottubru, 2010. Fil-fatt, fix-xhieda tiegħu datata 9 ta' Jannar, 2014, l-istess rappreżentant qal li "Għandi ngħid illi dan iċ-ċekk ssarraf minnha, però, jiena bl-ebda mod ma qiegħed nirrikonoxxi li dak il-ħlas kien għas-saldu tal-pretensjonijiet tal-kumpanija" (fol. 38). Iben l-intimati Christopher Grech ukoll xehed u qal li "Is-Sur Jimmy Vella kien qalilna illi huwa ma kienx qiegħed jaqbel mal-ammont ta' tlett elef mija u tmintax-il ewro (€3118) li aħna konna qegħdin ngħidu li kienet dovuta lili għax-xogħol illi kienet għamlet is-soċjetà rikorrenti" (fol. 32-33). Dan kollu juri, li r-rappreżentant tas-socjetà rikorrenti, meta sarraf ic-cheque ma kienx qiegħed jaċċetta l-ħlas magħmul bl-ittra datata 21 ta' Ottubru, 2010 bħala ħlas a saldu tal-pendenzi li kien hemm'*

23. Il-ġurisprudenza tgħallem li:

> *'Kif taraha din il-Qorti, f' każ fejn id-debitur ma jkunx ħallas dak kollu pretiż mill-kreditur tiegħu, il-liberazzjoni tiegħu mill-pretensjoni dedotta fil-konfront tiegħu tista', għal fatt ta' dik id-dikjarazzjoni għas-saldu, tissussisti **jekk miċ-ċirkostanzi li fiha sar il-ħlas tiġi deżunta l-espressjoni tal-volonta` tal-kreditur li huwa qed jirrinunzja għall-kumplament**. Rinunzja din, li kif enunċjat f' bosta sentenzi, trid tkun waħda ċara u univoka b' mod li mill-fatti ma tkunx tista' tinġibed konġettura oħra ħlief il-propożitu evidenti tar-rinunzja. Ara a propozitu s-sentenza fl-ismijiet "**Michele Tabone et -vs- Emmanuele Sammut nomine**", Prim' Awla, Qorti Civili, 10 ta' Ottubru, 1950'.*
>
> *...*
>
> *Hekk fis-sentenza "**Johann Schembri proprio et nomine -vs- Charlot Mifsud nomine**", Appell mit-Tribunal għal Talbiet Żgħar, 19 ta' Ottubru, 2005, din il-Qorti kif presjeduta, irravvisat illi, għalkemm in linea ta' massima hu preżunt li min jaċċetta cheque lilu mibgħut fit-termini "full and final settlement", u jgħaddi biex isarrfu, jiġi li aċċetta dak il-ħlas f'dawk l-istess termini preċiżi, eppure, jekk jiġi muri li huwa tempestivament ipprotesta ghall-pagament b' dik il-modalitá, l-aċċettazzjoni minnu ta' dak ic-cheque u s-sussegwenti tisrif tiegħu ma kellux, imbagħad, jiġi rinfaċċjat lilu bħala xi abdikazzjoni tad-dritt tiegħu għal ħlas tal-bilanċ dovut;*[38]

[38] ***Peter Attard vs Lawrence u Carmen konjugi Fino,*** Qorti tal-Appell, 28 ta' Marzu, 2008.

24. Mill-provi prodotti jirriżulta li s-soċjetà appellata baqgħet tinsisti li l-pagament dovut lilha kien fl-ammont ta' €4,923.14 u l-konvenuti appellanti kienu konsapevoli dwar dan. Tant hu hekk li fit-22 ta' Ġunju, 2011 bagħtet ittra uffiċjali u lanqas ma ħarġet ir-riċevuta fiskali. Il-Qorti tirreferi għax-xhieda riprodotta mit-Tribunal f'din is-silta u tikkondividi pjenament il-konklużjoni li tat-Tribunal. Mill-apprezzament tal-provi prodotti ma jistax jingħad li meta l-attriċi sarrfet iċ-ċekk kienet b'daqshekk aċċettat il-pagament ta' €118.10 bħala ħlas għas-saldu.

25. Dan l-aggravju hu miċħud.

**<u>Ir-Raba' Aggravju.</u>**

26. Illi r-raba' aggravju tal-appellanti huwa li f' kull każ, l-imgħaxijiet legali fuq il-bilanċ mitlub fl-ammont ta' €1,805.04 għandhom jiddekorru mid-data tas-sentenza ta' din il-Qorti u mhux mid-data tal-fattura tas-26 ta' Marzu 2010 (**Dok VGL4** eżebit a fol. 12 tal-proċess), kif deċiż mit-Tribunal.

27. Mill-provi jirriżulta li l-fattura nħarġet wara li x-xogħol intemm a sodisfazzjon tal-konvenuti. Fil-meritu l-attriċi ngħatat raġun. Suppost b'applikazzjoni tal-artikolu 1141(2) tal-Kodiċi Ċivili, l-imgħax għandu jiddekorri mid-data tas-sejħa b'att ġudizzjarju għall-ħlas. Mela mhux suppost li l-konvenuti ġew ikkundannati jħallsu mgħax mis-26 ta' Marzu, 2010 ċjoe' d-data tal-kont li ħarġet l-attriċi.

28. Jirriżulta li fit-22 ta' Ġunju, 2011 l-attriċi ppreżentat ittra uffiċjali li biha nterpellat lill-konvenuti sabiex iħallsu l-ammont meritu tal-kawża. Din ġiet notifikata lill-konvenuti fit-28 ta' Ġunju, 2011.

**Għal dawn il-motivi tiddeċiedi l-appell billi:-**

1. **Tiċħad l-ewwel tlett aggravji.**
2. **Tilqa' r-raba' aggravju pero fis-sens li l-imgħax għandu jiddekorri mit-28 ta' Ġunju, 2011.**

**Spejjeż taż-żewġ istanzi jinqasmu in kwantu għal 95% a karigu tal-konvenuti u 5% a karigu tal-attriċi.**

Anthony Ellul.